RETTIFIKA

Rettifika tad-Direttiva (UE) 2018/1972 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew għall-Komunikazzjonijiet Elettroniċi

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 321 tas-17 ta' Diċembru 2018)

1. Fil-paġna 122, il-punt (b) tal-Artikolu 32(4),

minflok: "(b) tiddeżinja impriża bħala li għandha, jew individwalment jew flimkien ma' oħrajn, saħħa sinifikanti fis-suq, taħt l-Artikolu 67(3) jew (4);",

aqra: "(b) tiddeċiedi jekk impriża tiġix iddeżinjata bħala li għandha, jew individwalment jew flimkien ma' oħrajn, saħħa sinifikanti fis-suq, taħt l- Artikolu 67(3) jew (4);";

2. Fil-paġna 145, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 61(1),

minflok: "1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra fil-każ ta' punti (b) u (c) tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom, waqt li jaġixxu biex jiksbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, ... ",

aqra: "1. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew, fil-każ tal-punti (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra għandhom, waqt li jaġixxu biex jiksbu l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3, ... ";

3. Fil-paġna 145, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 61(2),

minflok: "2. B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' impriżi deżinjati bħala li għandhom saħħa sinifikanti fis-suq skont l-Artikolu 68, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jew awtoritajiet kompetenti oħra fil-każ tal-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, għandhom ikunu jistgħu jimponu: ... ",

aqra: "2. B'mod partikolari, mingħajr preġudizzju għall-miżuri li jistgħu jittieħdu fir-rigward ta' impriżi deżinjati bħala li għandhom saħħa sinifikanti fis-suq skont l-Artikolu 68, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew, fil-każ tal-punti (b) u (c) ta' dan is-subparagrafu, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew awtoritajiet kompetenti oħra għandhom ikunu jistgħu jimponu: ... ".